**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ransley]**

**vs**

**Simona Camilleri**

**Kumpilazzjoni Numru: 189/17**

**Illum, 9 ta' April, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Simona Camilleri detentrici tal-karta tal-identita` numru 427365M akkuzata talli f'xi hin nhar it-13 ta' Awwissu 2016 minn gewwa l-istabiliment Chertop, Triq ix-Xatt, Gzira:

1. Ikkomettiet serq ta flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta Christopher Lauri u/jew persun/l ohra u li liema ammont jeccedi is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda ma jeccedix is-somma ta' elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);

2. Ghamlet delitt f'perjodu operativ ta sentenza sospiza mghotija nhar it-22 ta Jannar 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

3. Saret recediva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu li dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament l-ammissjoni tal-imputata Simona Camilleri fi stadju bikri tal-proceduri ghall-akkuzi kif dedotti kontriha, nhar it-tlieta (3) ta' Lulju elfejn u sbatax (2017) u fejn hija talbet illi jithejja *Pre Sentencing Report* min-naha tal-*Probation Officer* imqabbda apposta.

Rat illi llum il-gurnata l-imputata hallset pjenament lill-parte civile Christopher Lauri.

Rat ir-rapport tal-*Probation Officer* Joanna Farrugia illi hejjiet ir-rapport wara l-ammissjoni tal-imputata Simona Camilleri.

Illi f'dan ir-rapport gie konkluz illi:

***"• Fatturi identifikati***

- ***Trobbija tajba, illum il-gurnata ma titkellimx ma' hutha – minkejja li kkoperat hija zammet lura certa informazzjoni specjalment fil-konfront ta' kazijiet kriminali u r-raguni ghalfejn ma titkellimx mal-familjari taghha;***
- ***Fedina penali – ghandha erba' kazijiet ohra mal-Qrati tal-Gustizzja fejn giet akkuzata bil-ksur ta' sentenza sospiza fil-kaz odjern;***

- ***Minkejja li kellha xi problemi ta' dahha mentali fil-passat jidher li llum il-gurnata thossha tajjeb u ma thossx il-bzonn ta' interventi;***
- ***Ma jidhirx li qatt kellha problemi ta' vizzji jew kuntatt ma' agenziji li joffru ghajnuna fuq dawn il-vizzji. Test tal-urina li ttiehed gewwa d-Dipartiment irrizulta fin-negattiv ghal sustanzi illeciti.***

- ***Pjan ta' Kura***

  ***Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport ma spikkawx problemi li hemm bzonn li jigu indirizzati. Huwa mportanti li l-imputata toqghod il-boghod mill-kriminalita'***

  **<u>Rakkomandazzjoni</u>**

  ***F'dan il-kaz l-imputata ammettiet ghall-akkuzi li qed jigu migjuba kontriha, li fost l-ohrajn jinkludu ksur ta' sentenza sospiza u r-recidiva. Barra minn hekk, wiehed ghandu jiehu inkonsiderazzjoni l-fatt li hija tat kumpens lura lill-vittma kif ukoll talbet skuza. Ghaldaqstant, qed jigi rrakkomandat umilment lil din l-Onorabbli Qorti li l-imputata tinghata Ordni ta' Servizz fil-Komunita' skont l-Artiklu 11 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghall-ammont ta' sighat li jidrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti."***

Din il-Qorti, filwaqt li qed tinnota li l-imputata Simona Camilleri hija recidiva, pero' invista tac-cirkostanzi elenkati mill-*Probation Officer* u invista tal-fatt li l-gustizzja ghandha dejjem tkun wahda riparatorja, fejn huwa possibbli, qed taqbel mar-rakkomandazzjonijiet indikati mill-istess *Probation Officer* u taghmilhom taghha. B'dan pero' illi s-sentenza inflitta ma hijiex ser tkun wahda fil-minimu taghha.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 279(a), 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata **Simona Camilleri** hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u inkwantu ghall-akkuzi wiehed (1) u tlieta (3) tordna li titqieghed taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ghall-perjodu ta' mija u hamsin (150) siegha filwaqt li inkwantu ghat-tieni (2) akkuza tordna li s-sentenza sospiza kontriha u datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar elfejn u erbatax (2014) terga' tibda tiddekorri mill-gdid.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qed tikkundanna lill-imputata Simona Camilleri ghall-hlas tal-ispejjez peritali naxxenti mill-inkjesta mertu ta' dawn il-proceduri (Dok. MGC) u dan ghas-somma ta' mija u sitta u tmenin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€186.52).

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imuptata r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**